KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/25

5 t' Awwissu 2025

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

Christopher Bruno - Kunsillier

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**10.25.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

10.25.1.1 Is-Sur Christopher Bruno informa li jinsab indispost minħabba mpenji oħra.

**10.25.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

10.25.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 10.25 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

10.25.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Speranza Chircop u sekondati mis-Sur Vincent Bongailas l-minuti ta' seduta 10.25 ġew approvati unanimament.

10.25.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**10.25.3 <u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>**

6.24.5.1 **Ġnien is-Salvatur**

Wara li ġew installati l-fanali fi Ġnien, issa ser jinbidlu l-*floodlights* li jdawlu s-swar tal-madwar. Enemlata kkonfermat illi l-cables li jagħtu għal dawn il-*floodlights* huma fi stat tajjeb. Għalhekk il-Kunsill ser jieħu ħsieb li jinbidlu l-*floodlights*.

8.25.4.8 **Ix-Xelter F'Tarag San Ġużepp**

Is-Sindku pprovda aġġonament dwar il-proċess ta' devoluzzjoni tax-Xelter li jinsab f'Taraġ San Ġużepp. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprovda d-dokumentazzjoni kollha mitluba mid-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali u qiegħed jistenna l-approvazzjoni sabiex ikun jista' jinforma lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipproċedi bl-applikazzjoni mal-Awtorita` tal-Artijiet.

Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill għall-ħidma tagħhom fuq dan il-proġett.

9.25.4.1 **Inizjattiva minn Pjazza għal Pjazza**

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mad-Direttur Artistiku tal-Arts Council u l-Events Coordinator. Ġie kkonfermat illi l-attivita` ser titella' nhar Ħadd 12 t'Ottubru 2025 bejn id-9am u s-1pm ġewwa Misraħ Arċisqof Gonzi, il-Kalkara.

Matul il-laqgħa ġie diskuss it-tfassil tal-programm u r-rekwiżiti ta' din l-attivita` li fih għandu jinkludi logħob għat-tfal tal-imgħoddi kif ukoll tema li dwar il-Kalkara.

Is-Sa Sultana talbet li ssir promozzjoni ta' din l-attivita` fl-iskola tal-Primarja ġewwa l-Kalkara. Is-Sindku rrimarka li l-Arts Council għandhom tim fuq il-promozzjoni għall-inizjattiva minn Pjazza Għal Pjazza.

9.25.4.2 **Lejla Rnella 2025**

Din is-sena l-attivita` mużikali ta' Lejla Rnella kienet waħda ta' suċċess. Is-Sindku jemmen li dawn it-tip ta' attivitajiet jagħtu profil isbaħ lill-kommunita`.

Fil-laqgħa li jmiss, ser jiġi ppreżentat ir-rendikont tal-ispejjeż tal-attivita li huwa kkalkulat li ser jiġi bejn it-€30,000. Madanakollu jibqa' l-fatt li l-fondi għal din l-attivita` joħolqu limitazzjoni peress li minn sena għall-oħra Lejla Rnella qegħda tikber.

Fil-fatt, din is-sena ġie nnutat li kemm il-bankarelli tax-xorb u tal-ikel ma bdewx ilaħqu għad-domanda li kien hemm. Dan juri biċ-ċar l-interess li dejjem qed jikber u li għas-sena d-dieħla ser ikun hemm loġistika aħjar.

**10.25.4 <u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

8.25.4.1 **Proċedura fil-Laqgħa tal-Kunsill**

Is-Sindku reġa' rrimarka għal darb'oħra illi l-Kunsill għandu jibgħat il-materja u mistoqsijiet li jixtieqlu jressqu lis-Sindku u/jew mozzjonijiet biex jiġu diskussi waqt il-laqgħa. Dawn għandhom jintbagħatu lis-Segretarju Eżekuttiv skont kif titlob il-liġi li tirregola l-laqgħat tal-Kunsilli Lokali.

10.25.4.1 **Trejqet iċ-Ċimiterju**

Il-Perit tal-Kunsill issottometta d-*Development Notification Order* (DNO) quddiem l-Awtorita` tal-Ipjannar sabiex tinbeda l-ewwel fażi ta' dan il-proġett fi Trejqet iċ-Ċimiterju. Id-DNO saret sabiex l-Awtorita` kkonċernata tapprova r-restawr il-ħitan tas-sejjieħ. Ftit ġranet wara, l-Awtorita` tal-Ipjannar approvat id-DNO u ser jinħareġ tender appożitu għal rigward il-ħitan tas-sejjieħ.

Is-Sindku spjega illi waħda mill-akbar ostakli hija l-pavimentar peress li din it-trejqa tinsab f'art bara mill-iżvilupp cioe' f'*Outside Development Zone* (ODZ) u hemm limitu x'jista' jiġi żviluppat fiha. Għalhekk il-Perit tal-Kunsill issottometta applikazzjoni mal-Awtorita` tal-Ipjannar bil-proposti tal-Kunsill.

1.25.4.2 **Xogħolijiet ġewwa Villa Portelli**

Wara li ġew diskussi u ffinalizzati l-pjanti (*drawings*) ta' Villa Portelli mal-Perit tal-Kunsill, il-Perit issottometta l-applikazzjoni bħala *full development* mal-Awrotita` tal-Ipjannar. Bħala proċedura, l-istess Awtorita` talbet sensiela ta' rapporti li jirrigwardaw suġġetti tekniċi u li ser jiġu mħejjija mill-Inġinier li tqabbad appożitu mill-Kunsill.

8.25.4.5 **Festa Kalkara 2025**

Għal sena oħra, bis-saħħa tal-involviment tal-Kunsill sabiex matul il-Jiem tal-Festa, il-Kalkara tinżamm nadifa, kien wieħed ta' suċċess. Kif tkellem

is-Sindku matul il-laqgħa preċendenti, dan ma setax isir mingħajr ma jkun hemm involuti spejjeż addizzjonali li ntnefqu b'għaqal u maturita`. Matul il-laqgħa, ġie preżentat ir-rendikont tal-ispejjeż li ammonta għall-€2,875. L-ispiża hija simili ma' tas-sena l-oħra.

Is-Sindku rringrazzja l-Parroċċa tal-kooperazzjoni tagħha u liż-żewġ Għaqdiet Mużikali li wrew maturita` tul il-Jiem tal-Festa. Għalhekk kien hemm qbil unanimament li tintbgħatilhom ittra ta' ringrazzjament.

8.25.6.8 **School Grannies**

Is-Sindku nforma li sal-bieraħ, il-Kunsill irċieva 4 applikazzjonijiet biex joffru s-servizz tal-iSchool Grannies. L-applikazzjonijiet sottomessi jappartjenu għall-istess persuni li offrew is-servizz matul is-sena skolastika preċedenti.

Is-Sindku żied jgħid illi kien hemm persuni oħrajn li bil-fomm wrew interess iżda għadhom ma ssottomettewx l-applikazzjoni.

Matul ix-xahar ta' Settembru, is-Sa Sultana ssuġġeriet li ssir laqgħa flimkien mal-Kap tal-Iskola u l-iSchool Grannies. Matul il-laqgħa jkun hemm il-preżenza tal-pulizija.

10.25.4.2 **Arloġġi fiss tad-Dawl u Ilma fix-Xatt u f'Misraħ Arċisqof Gonzi**

Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*compliance certificate* tax-Xatt inkluż Misraħ Arċisqof Gonzi nħareġ. Għalhekk, il-Kunsill applika għall-arloġġi fiss tad-dawl u ilma peress li jirragwardjaw it-tisqija tas-siġar u arbuxelli kif ukoll id-dawl u l-ilma tal-latrini kien qed joperaw fuq arloġġi temporanji.

Is-Sindku ġab a konjizzjoni lill-Kunsill dwar l-ispejjeż involuti biex napplikaw għal dawn l-arloġġi tad-dawl u l-ilma li jammontaw 'il fuq minn €3,500.

Wara li jitlesta dan il-proċess, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill ser tapplika għall-aroloġġ tad-dawl tas-Sea Bin.

## 10.25.5 Korrispondenza

10.25.5.1 Is-Seretarju Eżekuttiv ġie nfurmt mill-Bank of Valletta fejn il-Kunsill juża s-servizzi bankarji tiegħu illi mill-15 ta' Settembru 2025, is-servizz tal-Express Deposit mhux ser jibqa' disponnibli. Għalhekk ġie mitlub li l-Kunsill japplika għall-BOV Cashlink Deposits only card sabiex kull depożitu ta' *cheques* isir biha.

## 10.25.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

Is-Sa Speranza Chircop

10.25.6.1 Is-Sa Chircop infurmt li fil-15 ta' Settembru, l-Active Aging ser jorganizzaw Sports Day għall-anzjani. Għalhekk hija talbet biex jinkera van biex iwassal l-anzjani.

10.25.6.2 Is-Sa Chircop infrmat illi fis-7 ta' Diċembru 2025, fil-Kalkara ser ikun hawn il-Blood Mobile Unit.

10.25.6.3 Is-Sa Chircop informat li fid-9 ta' Settembru 2025 ser torganizza ħarġa kulturali.

Is-Sa Maria Sultana

10.25.6.4 Is-Sa Sultana ser titkellem mal-Kap tal-Iskola għal rigward il-manutenzjoni tal-ħajt ta' barra tal-iskol. Dan sabiex jiġi deċiż minn ser jagħmel tali manutenzjoni qabel tibda s-Sena Skolastika.

10/25/6/5 Is-Sa Sultana resqet l-ilment dwar id-dewmien sabiex jitneħħa l-armar tal-Festa. Żiedet tgħid li m'għandux isir armar fuq parkeġġ ta' diżabilita`. Is-Sindku rċieva talba mingħand waħda mill-Għaqdiet Mużikali sabiex jitneħħa l-parkeġġ ta' diżabilita` minn Triq San Mikiel u jsir fi Triq Rinella. Is-Sindku tkellem mal-Amministrazzjoni tal-Kunsill dwar din it-talba u ġie mgħarraf li ma jkunx għaqli li jiteħħa minn fejn qiegħed peress li ta' spiss jintuża biex jingħataw xi servizzi.

Dwar id-dewmien fl-armar tal-Festa, ser isir kordinazzjoni maż-żewġ Għaqdiet ikkonċernati.

Għal fini tal-arbli tal-Festi li jinsabu fil-parkeġġ taħt is-siġar bejn il-Għaqda Mużikali ta' San Ġużepp u l-Viri's Take Away, is-Sindku ppropona li dawn il-parkeġġi jiġu organizzati b'mod li ma jiġux ostakolati bl-arbli tal-Festa.

**9.25.7 Punti Ġenerali**

Ma kienx hemm.

**9.25.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

9.25.8.1 Ma kienx hemm.

**9.25.9 Mozzjonijiet**

9.25.9.1 Fuq pronoment tas-Sa Maria Sultana u li ġiet sekondata mis-Sa Speranza Chircop, il-laqgħa li jmiss ser tibda fid-9.00am.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tagħhom.

**9.25.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Vincent BongailasMaria Sultana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-

pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## 9.25.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Is-seduta ntemmet fl-10.10am wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 2 ta' Settembru 2025, fid-9.00am. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 2 ta' Settembru 2025

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**